MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2007

Rikors Numru. 62/2006/1

John Mary Chircop
vs
Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih ippremetta:

1. Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (F'dan l-Att ta' l-Estradizzjoni msejha Qorti Rimandanti) tal-14 ta' Novembru 2006 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Raymond Aquilina) vs John Mary Chircop" ordnat illi l-imsemmi John Mary Chircop jinzamm taht kustodja sabiex tistenna t-tnehhija lura u l-estradizzjoni lejn l-Awstralja fejn huwa mfittex mill-Awtoritajiet Gudizzjarji tal-Commonwealth ta' l-Awstralja; illi fl-istess sentenza, il-Qorti nfurmat lir-rikorrent li ma tistax tigi mreggija lura qabel ma jiskadu hmistax-il (15)

jum mid-data ta’ l-Ordni taghha, li l-parti setghet tinterponi Appell minn dik id-decizjoni lill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali u li jekk il-parti dehrilha li setghu gew miksura kwalunkwe artikolu tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja jew sejrin jigu miksura b’tali mod li huwa gustifikat li din l-ordni taghha tigi mnehhija, annullata jew modifikata, hi ghandha dritt tagixxi ghal rimedju a bazi ta’ l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skond il-kaz, kopja tas-sentenza esebita mar-rikors u mmarkata Dok “A”;

2. Illi r-rikorrent qed jillanja li kellu ksur ta’ smigh xieraq kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u fit-termini ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319); il-bazi tal-lanjanza hija li r-rikorrent fl-istadju tal-procedura ma kienx f’posizzjoni li jikkomunika mad-difensuri b’mod adegwat u sufficjenti biex ihejji difiza tieghu b’mod tempestiv u adegwat u ghalhekk dan il-fatt ippreklудieh milli jkollu difiza u smiegh xieraq;

3. Illi ghalkemm kien minnu li din il-Qorti rimandanti nnominat l-esperti Psikjatri taghha u waslu ghall-valutazzjoni taghhom, fl-intervall tan-nomina taghhom sal-mument li pprezentaw ir-rapport, il-proceduri fil-konfront tar-rikorrent baqghu ghaddejjin tant li nstemghu xhieda u tressqu provi – dan jirrizulta fil-kors tas-smiegh u trattazzjoni. Dan il-punt tqajjem mir-rikorrent bhala eccezzjonijiet preliminari fil-bidu, ezattament fis-seduta ta’ l-24 ta’ Mejju 2006: f’din is-seduta ntalbet mid-difiza l-Perizja Psikjatrika sabiex tiddetermina jekk ir-rikorrent kienx “fit to stand trail”. Il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istuttorja (F’dan l-Att ta’ l-Estradizzjoni msejha Qorti Rimandanti) flok ghaddiet ghan-nomina tal-Periti u ssospendiet il-proceduri sakemm jigi determinat jekk kienx “fit to stand trail” baqghet tisma’ l-provi. Inoltre, iddecidiet dwar din it-talba tad-difiza wara li semghet aktar provi tal-prosekuzzjoni. Dan il-fatt ir-rikorrent talab li jiddimostrah halli jkun jista’ juri mhux il-vizzju fil-proceduri li wassal ghal lezjoni ta’ drittijiet fondamentali imma anke l-pregudizzju sostanzjali li sofra r-rikorrent konsistenti fl-impossibilita` u

n-nuqqas ta’ facilita` li jipprepara l-kundizzjoni tieghu difiza adegwata u kif protetta mill-garanziji tas-smigh xieraq.

4. Illi l-lanjanza tirreferi ghall-fatt illi fic-cirkostanzi r-rikorrent ma setax jikkomunika mad-difensuri tieghu u jsegwi l-proceduri kif ukoll in-nuqqas attribwit lill-Qorti rimandanti li messha stenniet u mhux kompliet bil-proceduri jikkostitwixxi l-bazi tal-lanjanza.

Ir-rikorrenti talab lill-Qorti:

i. Tiddikjara u tiddeciedi li in vista tas-suepost, il-process fuq riferit fejn ir-rikorrent intbaghat lill-Awtoritajiet Gudizzjarji tal-Commonwealth of Australia fit-termini tas-suepost tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt ta’ smiegh xieraq kif fuq espost kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u fit-termini ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319);

ii. Taghti dawk ir-rimedji, direttivi li jidrilha xierqa u opportuni.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimati li eccepew:

Illi sad-data tal-prezentata ta’ dina r-risposta, l-intimati kienu ghadhom ma gewx notifikati u kienu saru biss jafu b’din il-lanjanza mill-gurnali lokali. Izda minhabba l-urgenza li tispetta n-natura ta’ dawn il-proceduri fejn si tratta ta’ estradizzjoni, l-intimati pprezentaw dina r-risposta fit-terminu moghti lilhom minn din il-Qorti.

Illi l-lanjanza tar-rikorrent imressqa quddiem din il-Qorti hija li fl-istadju tal-proceduri kontra tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (ghal fini ta’ dawn il-proceduri msejha Qorti Rimandanti), ir-rikorrent ma kienx f’pozizzjoni li jikkomunika mad-difiza b’mod adegwat u sufficjenti biex ihejji difiza tieghu b’mod tempestiv u adegwat. Dan il-fatt skond ir-rikorrent, ipprekludieh milli jkollu difiza u smiegh xieraq kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-allegazzjoni migjuba mir-rikorrent fil-konfront tal-intimati huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:

**1. Rimedju Ordinarju**

Illi preliminarjament, dina l-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha a tenur tal-proviso tas-subinciz 2 tal-artikolu 4 tal-Kap 319 u s-subinciz (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li r-rikorrent m'ezawriex ir-rimedju ordinarju ghad-disposizzjoni tieghu.

**2. Edba ksur ta' smiegh xieraq**

L-intimati jirrelevaw illi fl-ebda stadju tal-proceduri quddiem il-Qorti Rimandanti ma kien hemm ksur ta' dritt ghal smiegh xieraq. Ghall-allegazzjonijiet migjuba mir-rikorrent, l-intimati jirrilevaw illi:

a. Bhala punto di partenza, ai termini tal-artikolu 402 (6) u (7), il-Qorti Rimandanti kellha kull fakulta` li tkompli bil-proceduri li kienu istitwiti quddiemha, u dana sahansitra anke minghajr il-prezenza tal-persuna li taghha qed tintalab l-estradizzjoni. Ghaldaqstant, il-Qorti Rimandanti ma kkommettiet ebda nuqqas fil-konfront tar-rikorrent kif qed jigi minnu allegat f'dan ir-rikors;

b. Illi d-dmir tal-Qorti Rimandanti fi proceduri ta' estradizzjoni ma huwiex illi tisma x-xhieda biex tiddeciedi il-mertu, izda effettivament illi tigbor u tippreserva dawk il-provi neccessarja li jsostnu t-talba ghat-treggiegh lura ta' dik il-persuna u cioe` li tara li l-elementi kollha a bazi tal-artikolu 8 u s-subinciz (3) ta' l-artikolu 15 tal-Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti;

c. Illi l-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni ma kienux jirrigwardaw il-mertu izda kienu provi biex isostnu t-talba ghat-treggiegh lura tar-rikorrent l-Awstralja. Ghaldaqstant ix-xhieda li nghatat ma tistax timpingi fuq xi

mertu jew tikkondizzjona d-decizjoni tal-Magistrat dwar it-tnehhija lura u l-estradizzjoni tar-rikorrenti;

d. Illi l-konkluzjonijiet tar-rapport imhejji mit-tliet esperti psikjatrici mahtutra mill-Qorti u mill-partijiet kienu li r-rikorrenti kien ‘fit to plead’ u ‘fit to stand trail’ stante li kellu l-kapacitajiet kollha rikjesti f’dan l-istadju tal-proceduri (dok STM). Fl-ordni li kienet tat il-Qorti fis-seduta tal-5 ta’ Gunju, 2006 (fol. 342), l-esperti medici kellhom jaraw il-provi kollha li gja nstemghu minn dik il-Qorti u sahansitra kellhom il-fakulta` li jisimghu xhieda ohra, jekk ikun il-kaz, in konnessjoni man-nomina li saritilhom. Infatti fis-seduta tal-14 ta’ Awissu 2006, l-espert psikjatra Dr. Joseph Spiteri nforma lill-Qorti li qabel ma l-esperti medici setghu jaslu ghal konkluzjoni finali, huma xtaqu jezaminaw l-inkartament tal-process (fol. 370). Il-konkluzjonijiet tal-esperti medici ghaldaqstant juru bic-car illi, kuntrarju ghal dak allegat mir-rikorrent, ir-rikorrent kien f’pozizzjoni li jikkomunika mad-difiza tieghu stante li l-konkluzjonijiet ghandhom applikazzjoni retroattiva, u cioe` r-rikorrent kien u ghadu ‘fit to plead’!

e. Illi mill-verbal tal-24 ta’ Mejju 2006, wara li d-difiza tar-rikorrent ressqet talba ghall-hatra ta’ espert psikjatriku, jirrizulta li hija ma oggezzjonatx ghas-smiegh ta’ l-ahhar zewg xhieda tal-prosekuzzjoni (vide fol. 315 tal-process), u sahansitra fis-seduta tal-5 ta’ Gunju 2006 lix-xhud imressaq mill-prosekuzzjoni sarlu kontro ezami (vide xhieda John Attard, seduta 5 ta’ Gunju 2006). L-istess gara fis-seduta tas-16 ta’ Gunju 2006 qabel ma l-Qorti Rimandanti taghti digriet fuq it-talba tad-difiza meta xehdet WPS Josephine Gauci;

f. Tajjeb jinghad illi l-qbil kien mad-difiza biex jinstemghu dawn il-provi sabiex f’kaz ta’ decizjoni tal-Qorti li tilqa’ t-talba tar-rikorrent, nonostante l-opposizzjoni tal-prosekuzzjoni ghal tali talba, l-esperti psikjatrici jkunu jistghu jiehdu konjizzjoni wkoll tax-xhieda li kella tinghata minn John Attard li kien il-Manager tal-Hotel Plaza fejn kien jahdem ir-rikorrent sal-jum li fih gie arrestat, kif ukoll WPS Gauci li kienet prezenti bhala xhud ta’ l-istqarrija li ghamel fil-lejl li gie arrestat (fol. 341);

g. Illi ghajr ghaz-zewg xhieda li tressqu mill-prosekuzzjoni u li kien hemm qbil dwarhom miz-zewg partijiet fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2006, is-seduti sussegwenti (apparti dawk tal-5 u 16 ta' Gunju 2006) saru sabiex l-Qorti tikkonstata fiex waslu l-esperti psikjatrici fir-relazzjoni tar-rapport taghhom u jew tiehu provvediment relatati ma l-istess (fol. 363, 364, 368, 369, 370, 371). Dan hija ghamlitu sal-11 ta' Settembru 2006 meta gie prezentat ir-rapport psikjatriku.

Kif jixhdu l-istess verbali, il-Qoti ottemperat ruha ma dak li jipprovdi l-proviso ghall-artikolu 401 (1) tal-Kap 9 fejn jinghad li f'kaz ta' persuna li ma nghatatx helsien mill-arrest, din ghandha tingieb il-Qorti mill-anqas darba kull hmistax sabiex il-Qorti tiddeciedi jekk ghandux jerga' jigi mibghut f'kustodja. Kienet id-difiza tar-rikorrent li f'numru ta' okkazzjonijiet f'dawn is-seduti, anke verbalment, kienet ukoll titlob il-helsien mill-arrest;

h. Illi l-obbligu tal-Qorti taht l-artikolu 402 huwa li jigi sospiz iz-zmien tal-kumpilazzjoni. Dan sar mad-decizjoni taghha li tahtar l-esperti psikjatrici fis-16 ta' Gunju, 2006. Difatti wara li dawn il-proceduri kienu nbdew fit-28 ta' April 2006, kien biss erba' xhur wara u mhux wara xahrejn (Artikolu 15(4) tal-Kap 276) li ntalbet il-proroga presidenzjali li nqrat fl-20 ta' Settembru 2006 (fol 389);

i. Illi wara s-seduta tal-24 ta' Mejju 2006, mill-process ma jirrizultax illi d-difiza tar-rikorrent kienet b'xi mod urtata bl-agir tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati. Kemm-il darba r-rikorrenti hass ruhu aggravat bl-agir "abbuzziv" tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, ma kien hemm xejn x'izommu milli jressaq referenza Kostituzzjonali quddiem dina l-Qorti, haga li ghar-ragunijiet tieghu, ghogbu jaghmel biss wara li nghatat is-sentenza u wara li sahansitra skada t-terminu ta' l-appell.

j. Illi mis-suepost, jidher bl-aktar mod car illi l-uniku skop wara dawn il-proceduri Kostituzzjonali huwa sabiex jigi ostakolat it-treggija lura u l-estradizzjoni tar-

rikorrent lejn l-Awstralja u ghaldaqstant l-enforzar tas-sentenza tal-Qorti Rimandanti tal-14 ta' Novembru 2006.

Ghaldaqstant l-intimati filwaqt li gabu s-suepost a konjizzjoni ta' dina l-Qorti talbu li t-talbiet tar-rikorrent jigu michuda anke ghaliex huma fin-natura taghhom talbiet frivoli u vessatorji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat li fil-5 ta' Dicembru 2006 fuq talba tal-konsulenti legali tar-rikorrent ghall-allegazzjoni tal-process tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja deciza mill-Magistrat Apap Bologna fl-14 ta' Novembru 2006, il-Qorti laqghet din it-talba u ordnat l-allegazzjoni tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent prezentata fid-29 ta' Jannar 2007 fol 22 sa 26 tal-process.

Rat illi fil-5 ta' Dicembru 2006 il-konsulenti legali tal-intimati rrinunzjaw li jipprezentaw nota responsiva izda li fil-fatt ipprezentaw din in-nota fil-5 ta' Frar 2007. Kien ghalhekk li fl-imsemmija data l-konsulenti legali tar-rikorrenti talbu zmien biex jezaminaw in-nota u s-sentenzi msemmija. Rat li fis-6 ta' Frar 2007 giet prezentata nota mill-intimati b'kopja ta' estratti mehuda mil-lettaratura Ingliza rigward l-applikabilita` tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ghal proceduri ta' estradizzjoni li jinsabu a fol 32 sa 36 tal-process.

Rat illi fis-26 ta' Frar 2007 ir-rikorrent li kien jinsab rikoverat fl-isptar Monte Carmeli ma ngabx mill-awtoritajiet fil-Qorti u li ghalhekk kien sar differiment mis-26 ta' Frar 2007 ghall-14 ta' Marzu 2007 f'liema data ma deherx il-konsulent legali tar-rikorrent, Dr. Tanti Dougall, li kien baghat jitlob differiment minhabba mewt ta' membru tal-familja tieghu, u l-kawza spiccat differita ghas-26 ta'

Marzu 2007. Izda fis-26 ta' Marzu 2007 ir-rikorrent rega' ma ngabx mill-awtoritajiet fil-Qorti u ghalhekk il-kawza spiccat differita ghall-25 ta' April 2007.

Saret it-trattazzjoni tar-rikors fil-25 ta' April 2007 u l-kawza giet differita ghall-31 ta' Ottubru 2007 ghas-sentenza izda in segwitu sar rikors fis-26 ta' April 2007 fejn il-Qorti ntalbet tirrikjama l-kawza ghall-ghoti tas-sentenza. Sar rikors iehor ghar-rikjam ghal data aktar vicina fit-28 ta' Mejju 2007 u iehor fis-26 ta' Gunju 2007, u l-Qorti ordnat fis-6 ta' Lulju 2007 in-notifika lill-kontro parti li rrispondiet fit-13 ta' Lulju 2007 u li minhabba li ma kienx hemm oppozizzjoni, b'digriet tal-31 ta' Lulju 2007 il-Qorti rrikjamat il-kawza ghas-sentenza ghall-10 ta' Awissu 2007. (Ara digriet tal-lum stess dwar l-aspetti tal-urgenza).

Biex il-kwadru tal-affarijiet ikun komplut jinghad li l-prezentata fil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja saret fit-28 ta' April 2006 u d-decizjoni tal-Magistrat Apap Bologna nghatat fl-14 ta' Novembru 2006 waqt li r-rikors fil-Prim'Awla Sede Kostituzzjonali gie ntavolat fl-24 ta' Novembru 2006.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

L-ewwel eccezzjoni tal-intimati hija li dina l-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha a tenur tal-proviso tas-subinciz 2 tal-artikolu 4 tal-Kap 319 u s-subinciz (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li r-rikorrent m'ezawriex ir-rimedju ordinarju ghad-disposizzjoni tieghu.

Jinghad li sfortunatament hawn kaz ta' qattusa ghaggilija taghmel tfal ghomja ghax wara li l-Avukat Generali ghamel din l-eccezzjoni, ma gabx provi dwarha u anqas ma direttament ghamel xi nota in sostenn ta' din l-eccezzjoni, izda l-Qorti meta tabbina dak li nghad f'din l-ewwel eccezzjoni dwar ir-rimedju ordinarju ma' dak li hemm fl-eccezzjoni 2(i), fejn jinghad li dan ir-rikors gie ntavolat wara li "nghatat is-sentenza u wara li sahansitra skada t-terminu tal-appell" wiehed bilfors jifhem li l-Avukat Generali qieghed jeccepixxi li r-rikorrent messu ntavola l-

proceduri tal-appell certament qabel ma istitwixxa l-proceduri odjerni. Infatti fl-imsemmija eccezzjoni rrefera ghall-***proviso*** tas-subartikolu 2 ta' l-artikolu 46 li jghid:
"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra."

Ghalhekk jinkombi fuq il-Qorti li tezamina jekk ghandiex tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra.

Illi r-rikorrent qieghed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li hemm ksur fid-drittijiet fondamentali ghal smiegh xieraq u imparzjali fil-konfront tieghu kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni u taghti dawk ir-rimedji u direttivi li jidhrilha xierqa u opportuni. Izda l-intimati jsostnu li l-Qorti ghandha tapplika l-Artikolu 46(2) minhabba l-ezistenza ta' mezz xieraq ta' rimedju taht il-ligi ordinarja u ghalhekk ghandha tiddeklina milli tezercita l-mansjonijiet taghha oltre li gie sostnut li ma gie trasgress ebda dritt tar-rikorrent.

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fid-29 ta' Ottubru, 1993 fl-ismijiet "**Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija et"** insibu:

"Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ser tidhol fil-meritu ta' l-eccezzjoni, u tibda biex tghid, kif persistentement minnha dikjarat u sostnut, illi, bhala regola, meta si tratta ta' kawza ta' din ix-xorta, il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke, per ezempju, meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Meta l-aspetti ta' l-indagini ikunu ta' natura prevalentament

kostituzzjonali, bir-rimedji propriji pedissekwi, ix-xejra ghandha tmur lejn l-esercizzju tas-setghat li l-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-Artikolu 46 (2), taghti lil Qorti Civili Prim'Awla"

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"**, wara li ezaminat numru ta' sentenzi kienet qalet hekk:
"Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji giurisprudenzjali:

(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.
(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita' jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-esrcizzju ta' diskrezzjonalita' ta' l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.
(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.
(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent
(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.
(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."

Fil-kawza fl-ismijiet **"Lawrence Cuschieri vs l-Onor Prim Ministru"** deciza fis-6 ta' April, 1995, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

“Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim'Awla ghal rimedju ta' indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta' dak l-artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dak l-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat "huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra". Hu veru wkoll illi din il-fakolta' hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed kapriccuz jew legger. Hu ovvju illi ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha.”

Dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta’ Lulju, 1995 fl-ismijiet **“Paul Makay vs Kummissarju tal-Pulizija”** u f’dik deciza fil-21 ta’ April, 1995 fl-ismijiet **“Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru.”**

Fil-kawza fl-ismijiet **“Maria Magro vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali”** deciza fit-28 ta’ Mejju, 1997 il-Qorti Kostituzzjonali hasset li meta tkun qeghda tikkunsidra jekk ghandhiex tkompli tisma’ kawza minhabba li hemm rimedji ohra fil-Ligi a tenur ta’ l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali trid tkun certa li r-rimedju jkun fih tliet elementi importanti: accessibli, cert u effettiv.

Din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **“Stephen Falzon vs Registratur tal-Qorti et”** fl-14 ta’ Frar, 2002 qalet:
“Dan il-proviso ghalhekk mhux xi wiehed li jista’ jittiehed b’mod laxk jew kapriccuz. Mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta’; izda minn-naha l-ohra il-Qorti ghandha l-obbligu li f’certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra. Altrimenti tkun qedgha tagixxi ta’ Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi. Jekk kien hemm mezzi xierqa ohra il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta’ natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, il-Qorti m’ghandiex tikkonsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibli rimedju ma kienx pero’ se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent. Ghalhekk ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. “Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezzjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha.”

Fil-kawza fl-ismijiet **“Adel Mokhtar Al Sakalli vs Onor Prim Ministru et”** deciza fis-7 ta’ April, 2000 mill-Qorti Kostituzzjonali il-Qorti sostniet li meta jezistu rimedji taht il-ligi ordinarja tal-pajjiz wiehed ghandu l-ewwel jezawrixxi

dawk ir-rimedji. Huwa f'idejn l-ewwel Qorti li ma tezercitax id-diskrezzjoni taghha.

Fil-31 ta' Mejju, 2000 il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **"Spiteri Domenico Savio vs Chairman Planning Authority et"** qalet li l-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha poteri diskrezzjonali wiesgha biex tiddeciedi li ma tezercitax il-poteri taghha meta r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji possibli taht il-ligi ordinarja.

Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Lulju, 2000 fl-ismijiet **"Glen Bedingfield vs Kummisarju tal-Pulizija et"** il-Qorti hasset li l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 319 jistabbilixxu l-procedura kif kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali kienet qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha, tista', bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghar-rimedju. Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba ta' din ix-xorta. Mid-decizjoni hemm dejjem appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Dak id-dritt hu wiehed assolut u bla limiti u l-ebda ezercizzju ta' interpretazzjoni li jillimita tali dritt, anke jekk maghmul bl-ahjar intenzjonijiet biex suppost jiffacilita l-process gjudizzjarju ma jista' jigi accettat jew tollerat. L-unika limitazzjoni f'dan ir-rigward hi dik fil-proviso tas-subinciz 2 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-provvediment analogu fil-Kap 319 li fil-verita` mhijiex limitazzjoni ta' access ta' l-individwu lill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali imma poter lill-Qorti li tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu jew huma disponibbli favur il-persuna li taghmel ir-rikors skond xi ligi ohra u biss fil-kaz fejn tqis li jkun hekk desiderabbli li taghmel. Fir-rigward ta' dan id-dritt ta' access, il-Kostituzzjoni u l-Kap 319 lanqas jaghmlu l-ebda accenn lejn il-possibilita` li r-rikors lil dawk l-organi jkun ukoll sempliciment frivolu u vessatorju kuntrarjament ghal dak li tiddisponi fis-subinciz (3). Iz-zewg proceduri kontemplati fis-subinciz 1 u fis-subinciz 3 tal-artikolu 46 ma kienux limitazzjoni ta' xulxin, izda paralleli ma' xulxin.

Fl-20 ta’ Novembru, 2000 il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **“Melchior Spiteri vs Avukat Generali”** hasset li l-Qorti ma ghandiex ma tezercitax id-drittijiet taghha taht l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jekk tkun qed tigi negata l-liberta` personali.

Wara li ezaminat dan kollu inkluz li fit-trattazzjoni ssemma wkoll li r-rikorrent ma kienx appella mis-sentenza tal-Qorti Rimandanti, il-Qorti hi tal-fehma li kienu jezistu proceduri ohra adegwati mhux quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u li ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz ghandha tirrifjuta, kif fil-fatt qedha taghmel, li tezercita s-setghat taghha skond l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni minhabba li kienu jezistu mezzi xierqa ohra ta’ rimedju ghall-ksur allegat u ghalhekk tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali.

Spejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------